**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0503/2022 }**
**B9-0504/2022 }**
**B9-0509/2022 }**
**B9-0518/2022 }**
**B9-0519/2022 }**
**B9-0520/2022 } RC1**

22.11.2022

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B9-0503/2022 (The Left)
B9-0504/2022 (PPE)
B9-0509/2022 (Renew)
B9-0518/2022 (ECR)
B9-0519/2022 (Verts/ALE)
B9-0520/2022 (S&D)

dwar il-protezzjoni tat-trobbija tal-bhejjem u ta' karnivori kbar fl-Ewropa
(2022/2952(RSP))

**Herbert Dorfmann, Norbert Lins, Daniel Buda, Alexander Bernhuber**
f'isem il-Grupp PPE
**Clara Aguilera, César Luena**
f'isem il-Grupp S&D
**Ulrike Müller, Róża Thun und Hohenstein**

f'isem il-Grupp Renew
**Thomas Waitz**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Bert-Jan Ruissen**
f'isem il-Grupp ECR
**Anja Hazekamp**
f'isem il-Grupp The Left

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-protezzjoni tat-trobbija tal-bhejjem u ta' karnivori kbar fl-Ewropa**
**(2022/2952(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 intitolata "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" COM(2020)0380),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2017 dwar Pjan ta' Azzjoni għan-natura, in-nies u l-ekonomija[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (id-Direttiva dwar il-Ħabitats)[3],

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa (il-Konvenzjoni ta' Bern)[4],

– wara li kkunsidra l-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) tal-Kummissjoni,

– wara li kkunsidra l-avviż tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2021 bit-titolu "Dokument ta' Gwida dwar il-protezzjoni stretta ta' speċijiet ta' annimali ta' interess Komunitarju skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats" (C(2021)7301),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi f'ħafna partijiet tal-Ewropa qed isseħħ espansjoni tal-firxa jew rikolonizzazzjoni minn ċerti predaturi kbar inklużi speċjalment l-ilpup u l-orsijiet li ilhom assenti minn dawk it-territorji għal żmien mhux ħażin, li qed iġġibhom f'kunflitt mal-attivitajiet tal-bniedem, speċjalment ir-ragħa estensiv tan-nagħaġ u l-baqar; billi hemm spejjeż sinifikanti għar-rgħajja kkawżati mid-depredazzjoni tal-merħliet tagħhom u d-disparità kbira bejn l-Istati Membri u r-reġjuni f'termini ta' miżuri, u f'xi każijiet in-nuqqas tagħhom, biex jappoġġjaw lill-bdiewa tagħhom u l-fondi pubbliċi li jagħmlu disponibbli għall-kumpens u l-adattament;

B. billi l-azzjoni leġiżlattiva, bħad-Direttiva dwar il-Ħabitats u t-trattati internazzjonali bħall-Konvenzjoni ta' Berna, ikkontribwiet għall-irkupru tal-karnivori kbar, li jinkludu

[1] ĠU C 67, 8.2.2022, p. 25.
[2] ĠU C 356, 4.10.2018, p. 38.
[3] ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.
[4] ĠU L 38, 10.2.1982, p. 3.

l-lupu griż, l-ors kannella, il-linċi tal-Ewrasja u l-wolverine; billi l-għadd ta' karnivori kbar fl-Ewropa kontinentali preżenti fl-2012 kien jammonta għal 9 000 linċi tal-Ewrasja, 17 000 ors kannella, 1 250 wolverine u 12 000 lupu; billi l-għadd għall-ilpup żdied b'mod sinifikanti fl-aħħar 10 snin għal 17 000, skont valutazzjoni li twettqet fl-2018[5], filwaqt li l-għadd għal speċijiet oħra baqa' simili; billi, barra minn hekk, abbażi tal-aħjar data disponibbli, fl-2022, l-għadd totali ta' lpup fl-UE-27 x'aktarx li hu ta' madwar 19 000 u x'aktarx li jaqbeż l-21 500 fl-Ewropa ġeografika[6]; billi, skont valutazzjoni tal-2022 tal-istatus ta' konservazzjoni tal-lupu (*Canis lupus*) fl-Ewropa, f'dawn l-aħħar 10 snin, ġiet irrapportata żieda ta' aktar minn 25 % fil-firxa tal-ilpup fl-Ewropa[7]; billi l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN) ikklassifikat 3 mind-9 popolazzjonijiet tal-lupu, 3 mill-10 popolazzjonijiet tal-ors kannella u 3 mill-11-il popolazzjoni tal-linċi tal-Ewrasja fl-Ewropa bħala ta' status tal-anqas tħassib; billi ż-żewġ popolazzjonijiet tal-wolverine fl-Ewropa għadhom mhedda u l-linċi tal-Iberja għadu fil-periklu;

C. billi l-impatt negattiv tal-attakki fuq il-bhejjem tat-trobbija mill-popolazzjoni dejjem tikber tal-ilpup qed jiżdied; billi l-ilpup qed joqorbu dejjem aktar f'sens ta' qrubija u frekwenza lejn il-bnedmin, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni;

D. billi l-biċċa l-kbira tal-popolazzjonijiet tal-karnivori kbar fl-Ewropa huma transfruntieri; billi l-popolazzjonijiet individwali jistgħu jkopru firxiet ġeografiċi kbar madwar pajjiżi differenti, fl-UE u barra minnha, li jwasslu għal sitwazzjonijiet li fihom l-istess popolazzjoni f'reġjun wieħed tista' titqies bħala li tinsab fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, filwaqt li f'reġjun ġar tista' tiġi kklassifikata bħala li teħtieġ protezzjoni stretta;

E. billi l-approċċi ta' monitoraġġ ivarjaw ħafna, u dan iwassal għal kwalità u kwantità inkonsistenti ta' data dwar il-livelli tal-popolazzjoni tal-karnivori kbar;

F. billi l-programm LIFE diġà ffinanzja bosta proġetti biex itaffi l-kunflitti marbuta mal-fawna selvaġġa u jippromwovi l-koeżistenza fit-tul ma' predaturi kbar; billi bejn l-1992 u l-2019 intefqu medja ta' EUR 3,6 miljun fis-sena fuq proġetti li jagħmlu enfasi fuq miżuri għall-mitigazzjoni tal-ħsarat mill-karnivori kbar permezz tal-programm LIFE u ngħataw EUR 36 miljun oħra għal proġetti li għaddejjin li jipprovdu gwida speċifika għall-kuntest dwar l-effettività ta' miżuri ta' mitigazzjoni bħal xatbiet elettriċi, is-sorveljanza attiva tar-rgħajja u l-użu ta' klieb tal-għassa mal-bhejjem f'ħafna reġjuni differenti tal-UE; billi hemm bżonn ta' proġetti addizzjonali fir-reġjuni u fir-rigward ta' speċijiet ta' karnivori kbar li għadhom ma ġewx indirizzati;

---

[5] Il-lista l-Ħamra tal-IUCN ta' Speċijiet Mhedda, "Canis lupus (Grey Wolf)", aċċessata fit-23 ta' Novembru 2022.
[6] L-inizjattiva dwar il-Karnivori Kbar fl-Ewropa – Grupp Speċjalizzat tal-Kummissjoni għas-Sopravivenza tal-Ispeċijiet tal-IUCN għall-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa, "Assessment of the conservation status of the Wolf (*Canis lupus*) in Europe" (Valutazzjoni tal-istatus ta' konservazzjoni tal-lupu (*Canis lupus*) fl-Ewropa), 2 ta' Settembru 2022.
[7] https://rm.coe.int/inf45e-2022-wolf-assessment-bern-convention-2791-5979-4182-1-2/1680a7fa47Idem, p. 2.

G. billi l-annimali domestikati, b'mod partikolari fil-mergħat u fis-sistemi ta' ragħa miftuħa, jinsabu f'riskju ogħla ta' depredazzjoni (skont il-miżuri stabbiliti u l-effettività tagħhom) minħabba l-preżenza dejjem tikber ta' karnivori kbar; billi dan huwa partikolarment minnu fir-reġjuni muntanjużi u b'popolazzjoni baxxa fejn ir-ragħa hija meħtieġa biex jiġi kkonservat dan il-ħabitat ta' prijorità; billi f'xi żoni b'popolazzjoni densa bil-preżenza ta' ftit mill-ispeċijiet tal-priża naturali għal karnivori kbar, jista' jkun hemm ukoll riskju akbar għall-annimali domestikati;

H. billi l-attitudnijiet tal-pubbliku fir-rigward tal-karnivori kbar ivarjaw ħafna bejn pajjiżi differenti u fost diversi gruppi ta' interess, b'mod partikolari f'reġjuni fejn il-karnivori kbar kienu neqsin għal perjodi itwal ta' żmien; billi l-biża' ta' attakki u n-nuqqas ta' appoġġ suffiċjenti mill-awtoritajiet biex tiġi evitata l-ħsara jistgħu jwasslu għall-qtil illegali ta' speċijiet protetti;

I. billi s-setturi tan-nagħaġ u tal-mogħoż, li huma l-aktar vulnerabbli għall-attakki predaturi minn karnivori kbar, diġà kienu taħt pressjoni ekonomika minħabba raġunijiet soċjoekonomiċi usa' għal diversi deċennji; billi dan is-settur fraġli jista' jipprovdi valur miżjud ambjentali permezz ta' ragħa estensiv, billi jikkontribwixxi għaż-żamma tal-bijodiversità f'pajsaġġi miftuħa f'ħafna żoni b'restrizzjonijiet naturali jew b'fertilità baxxa, bħal mergħat Alpini, u billi jgħin fil-ġlieda kontra fenomeni bħall-erożjoni u n-nirien fil-foresti;

J. billi l-mergħat u s-sistemi ta' ragħa tradizzjonali Alpini qed jiġu abbandunati dejjem aktar bħala riżultat ta' sfidi ambjentali, agrikoli u soċjoekonomiċi;

K. billi l-miżuri ta' prevenzjoni biex jiġu evitati kunflitti ta' koeżistenza mill-proġetti LIFE f'xi reġjuni tal-UE ġew irrapportati bħala metodi ta' suċċess għat-tnaqqis tal-ħsara kkawżata mill-karnivori kbar; billi l-effettività ta' dawn il-miżuri tista', madankollu, tiġi affettwata minn ċirkostanzi ġeografiċi u kundizzjonijiet lokali; billi dawn il-miżuri jistgħu jwasslu għal żieda fix-xogħol u għal spejjeż ogħla għall-bdiewa, speċjalment f'reġjuni fejn il-karnivori kbar qed jirritornaw jew jespandu t-territorju tagħhom; billi miżuri preventivi biex jiġu evitati kunflitti ta' koeżistenza jistgħu jiġu kkombinati biex tiżdied l-effikaċja; billi l-pagamenti ta' kumpens, li huma regolati fil-livell nazzjonali, ivarjaw fi ħdan l-UE u mhux dejjem jiksbu kumpens sħiħ għall-ħsara mġarrba;

L. billi t-telf ta' annimali domestikati u l-korrimenti li jsofru minħabba attakki ta' karnivori kbar mhux biss jikkawżaw ħsara ekonomika lill-bdiewa u lin-nissiela, iżda għandhom ukoll konsegwenzi emozzjonali konsiderevoli għas-sidien tagħhom;

M. billi l-prattiki tradizzjonali tat-trobbija tal-bhejjem bi protezzjoni għolja tal-bhejjem minn predaturi bħall-użu ta' rgħajja, klieb tal-għassa mal-bhejjem u l-irkupru bil-lejl biex tiġi żgurata s-sorveljanza diretta u kontinwa tal-bhejjem li jirgħu ilhom jintużaw għal sekli sħaħ fl-Ewropa iżda ġew abbandunati gradwalment minħabba għadd ferm inqas ta' attakki minn predaturi; billi jista' jkun diffiċli li wieħed jerġa' lura għalkollox għal dawn il-prattiki antiki fuq skala kbira f'xi reġjuni minħabba t-tibdil fl-użu tal-art b'approċċ aktar multifunzjonali fiż-żoni agrikoli, l-importanza akbar tat-turiżmu u l-pressjoni soċjoekonomika attwali li l-biedja qed tiffaċċja fl-UE, bi tnaqqis sinifikanti fl-

għadd ta' bdiewa u b'pagi taħt il-medja; billi se jkun hemm bżonn li jinstabu soluzzjonijiet innovattivi biex il-biedja moderna tiġi adattata għall-preżenza tal-ilpup;

N. billi tinħtieġ koeżistenza kostruttiva bejn il-karnivori kbar u t-trobbija tal-bhejjem, fejn minn naħa, l-istat ta' konservazzjoni tal-karnivori kbar jista' jkompli jiżviluppa b'mod favorevoli, filwaqt li l-bdiewa jingħataw l-għodod u finanzjament suffiċjenti biex jindirizzaw u jipprevjenu attakki fuq l-annimali tal-irziezet; billi d-deċiżjonijiet kollha ta' ġestjoni għandhom ikunu bbażati fuq ix-xjenza u data soda u għandhom iqisu l-perspettivi ekoloġiċi, soċjali u ekonomiċi; billi se jkunu meħtieġa aktar diskussjonijiet bejn il-partijiet ikkonċernati u l-bdiewa f'żoni fejn il-karnivori kbar ilhom neqsin għal għexieren ta' snin, u se jkunu meħtieġa aktar sforzi f'termini tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki biex jiġi appoġġat l-użu ta' miżuri preventivi u jinkiseb aċċess għall-finanzjament; billi ż-żieda fil-preżenza ta' karnivori kbar jista' jkollha effetti pożittivi fuq il-funzjonament u r-reżiljenza tal-ekosistema, il-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-proċessi ekoloġiċi, li jikkontribwixxu, fost l-oħrajn, għar-regolazzjoni tal-popolazzjonijiet tal-ungulati selvaġġi; jenfasizza wkoll li, speċjalment fil-parks nazzjonali, il-preżenza ta' karnivori kbar tikkontribwixxi għall-valur rikreattiv tal-foresti u għat-turiżmu bbażat fuq in-natura li dejjem qed jiżdied;

O. billi f'Ottubru 2021 il-Kummissjoni ħarġet gwida ġdida dwar il-protezzjoni stretta tal-ispeċijiet tal-annimali skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats, inklużi l-ilpup, bil-għan li tgħin lill-Istati Membri tal-UE jtejbu l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħabitats fil-prattika, u speċjalment biex tiżgura t-traspożizzjoni sħiħa, ċara u preċiża tal-Artikolu 16 tagħha;

1. Jinnota r-riżultati pożittivi tal-politiki dwar il-bijodiversità fir-rigward tar-restawr ta' speċijiet karnivori kbar fl-UE u jinnota l-effetti tagħhom fuq il-funzjonament u r-reżiljenza tal-ekosistemi, il-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-proċessi ekoloġiċi, kif ukoll it-trobbija tal-bhejjem; jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata koeżistenza bbilanċjata bejn il-bnedmin, il-bhejjem u l-karnivori kbar, b'mod partikolari fiż-żoni rurali, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rikonoxxut li l-bidliet fil-livelli tal-popolazzjoni ta' ċerti speċijiet jistgħu jwasslu għal għadd ta' sfidi ambjentali, agrikoli u soċjoekonomiċi; jirrikonoxxi li l-Artikolu 2(3) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats diġà fih il-flessibbiltà li jiġu indirizzati u mmaniġġjati b'mod effettiv dawn is-sinerġiji u l-kompromessi u jitqies xieraq għall-iskop tiegħu; jinnota li dawn il-flessibbiltajiet għandhom jiġu esplorati aktar;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tivvaluta l-progress fil-kisba ta' status ta' konservazzjoni favorevoli għall-ispeċijiet abbażi ta' evidenza xjentifika, sabiex tivvaluta u timmonitorja kif xieraq il-firxa u d-daqsijiet tal-popolazzjonijiet ta' karnivori kbar, inklużi l-effetti tagħhom fuq in-natura u l-bijodiversità; jisħaq fuq il-ħtieġa li titqies il-mobbiltà transfruntiera għolja tal-ispeċijiet, peress li l-istatus ta' konservazzjoni ta' popolazzjonijiet differenti tal-istess speċi jista' jvarja bejn ir-reġjuni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jintensifikaw il-kollaborazzjoni transfruntiera u jisħaq li l-monitoraġġ għandu jiġi kkoordinat permezz ta' metodoloġija armonizzata, filwaqt li jitqiesu l-popolazzjonijiet transnazzjonali u r-reġjuni (bijo)ġeografiċi, fejn

applikabbli; jistieden lill-Kummissjoni talloka fondi għall-istudji dwar il-bijodiversità, pereżempju fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa, li jkollhom l-għan li jaġġornaw il-mapep tad-distribuzzjoni u tad-densità ta' karnivori kbar; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jużaw metodi ta' monitoraġġ xierqa għal kull waħda mill-ispeċijiet differenti ta' karnivori kbar u l-benefiċċji tal-bijodiversità assoċjati li jippermettu l-kompilazzjoni ta' data standardizzata, komparabbli u ta' kwalità għolja għal valutazzjoni effettiva tal-livelli tal-popolazzjoni;

3. Jirrikonoxxi li l-attakki ta' karnivori kbar qed jiżdiedu madwar l-Ewropa u jirrikonoxxi l-effetti negattivi tagħhom fuq dawk li jrabbu l-bhejjem; jisħaq fuq l-importanza li l-Istati Membri jiġbru wkoll informazzjoni u jirrapportaw dwar id-danni li jirriżultaw minn attakki ta' karnivori kbar; jisħaq li monitoraġġ tajjeb tat-tendenzi fl-okkorrenza tal-ħsara għal dawk li jrabbu l-bhejjem huwa prerekwiżit bażiku għal politiki ta' suċċess, madankollu l-Istati Membri jużaw metodi differenti ta' stħarriġ u monitoraġġ; jenfasizza l-importanza ta' formati ta' rappurtar standardizzati, u jissottolinja li dan għandu japplika bl-istess mod għall-monitoraġġ tal-effettività tal-programmi ta' mitigazzjoni tal-ħsara, inklużi l-kumpens u l-prevenzjoni; jitlob li r-riżultati tal-monitoraġġ u tal-metodoloġija użati jsiru disponibbli għall-pubbliku fil-ħin u b'mod trasparenti; jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tikkoordina l-ġbir tad-data u twettaq l-analiżijiet;

4. Jisħaq fuq l-importanza li tittejjeb is-sorveljanza tas-saħħa tal-fawna selvaġġa, b'mod partikolari dwar l-ibridizzazzjoni bejn il-klieb u l-ilpup li għandha tiġi identifikata b'mod proattiv fi stadju bikri; jappella għal politika standardizzata li tidentifika l-ibridi u għal approċċ trasparenti, inkluż l-iskambju transfruntier ġeneralizzat tal-kampjuni tad-DNA tal-ilpup bejn l-istituzzjonijiet tar-riċerka;

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jgħinu lir-reġjuni li qed jiffaċċjaw kunflitti ta' koeżistenza biex jiċċaraw kif għandhom jagħmlu użu xieraq u responsabbli mill-flessibbiltà li diġà teżisti skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats; jieħu nota tad-dokument ta' gwida aġġornat tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni stretta ta' speċijiet ta' annimali ta' interess Komunitarju skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats ippubblikata fit-12 ta' Ottubru 2021[8]; jisħaq li hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tiċċara l-linji gwida eżistenti u żżomm il-gwida tagħha aġġornata, fejn xieraq, inkluż dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 12 u 16, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw aħjar il-linji gwida eżistenti u jaġixxu b'mod effettiv biex jipprevjenu, jimmitigaw u jikkumpensaw id-danni kkawżati minn karnivori kbar, filwaqt li jitqiesu l-popolazzjonijiet transfruntiera, u jistabbilixxu qafas legali u istituzzjonali effettiv biex jappoġġjaw lill-bdiewa u lil dawk li jrabbu biex jagħmlu din il-koeżistenza possibbli;

6. Ifakkar li d-derogi għandhom jintużaw biss f'konformità mad-Direttiva dwar il-Ħabitats u l-Konvenzjoni ta' Berna fuq bażi ta' każ b'każ meta s-soluzzjonijiet alternattivi l-oħra kollha jkunu fallew; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-użu ta' derogi għall-kontroll ta' karnivori kbar ikun miżura tal-aħħar għażla u jkun separat b'mod ċar mill-attività tal-

---

[8] Avviż tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2021 bit-titolu "Dokument ta' Gwida dwar il-ħarsien strett ta' speċijiet ta' annimali ta' interess Komunitarju skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats" (C(2921)7301).

kaċċa;

7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jorganizzaw opportunitajiet għal partijiet ikkonċernati differenti, inklużi atturi rurali, biex jiddiskutu l-impatti tal-karnivori kbar; iħeġġiġhom jipprovdu informazzjoni dwar soluzzjonijiet prattiċi u l-possibbiltajiet ta' finanzjament għal miżuri preventivi kontra attakki fuq il-bhejjem, u biex iwettqu kampanja ċara ta' sensibilizzazzjoni; jissottolinja l-importanza li jiġu żviluppati pjattaformi tal-partijiet ikkonċernati dwar il-koeżistenza ma' predaturi kbar fil-livell tal-UE, nazzjonali u lokali, bħall-Pjattaforma tal-UE dwar il-Koeżistenza bejn in-Nies u l-Karnivori Kbar, u li jiġi promoss id-djalogu, l-iskambju tal-esperjenza u l-kooperazzjoni biex jiġu indirizzati l-kunflitti bejn in-nies u l-ispeċijiet protetti; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-iżvilupp ta' approċċi kkoordinati fl-Istati Membri kollha;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta dwar il-preżenza ta' karnivori kbar fl-Ewropa fuq il-vijabbiltà tat-trobbija tal-bhejjem, il-bijodiversità, il-komunitajiet rurali u t-turiżmu rurali, inkluż it-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, fil-kuntest tal-fatturi soċjoekonomiċi li għandhom impatt fuq il-vijabbiltà tat-trobbija tal-bhejjem; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jevalwaw l-impatt li l-attakki minn karnivori kbar jista' jkollhom fuq il-benessri tal-annimali, kif ukoll l-impatt fuq il-benessri u l-introjtu tal-bdiewa u l-ispejjeż ogħla tax-xogħol u tal-materjal għalihom, filwaqt li jitqies ukoll jekk ġewx implimentati miżuri preventivi jew le u kemm dawn kienu effettivi;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw valutazzjoni solida u komprensiva tat-theddidiet u l-pressjonijiet rilevanti kollha fuq kull speċi ta' karnivori kbar u fuq il-ħabitats tagħhom fil-livell Ewropew u f'kull Stat Membru, kemm permezz ta' kawżi naturali kif ukoll minħabba fatturi kkawżati mill-bniedem; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jidentifikaw ukoll żoni ta' konnettività ta' prijorità għall-popolazzjonijiet tal-karnivori kbar u jidentifikaw l-aktar kurituri ekoloġiċi importanti, il-barrieri ta' tferrix, is-sezzjonijiet tat-toroq b'mortalità għolja u karatteristiċi importanti oħra tal-pajsaġġ li jappartjenu għan-natura fframmentata tad-distribuzzjoni ta' karnivori kbar sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tal-ħabitat;

10. Jenfasizza li l-farms tal-bhejjem fiż-żoni muntanjużi, inkluż b'mod partikolari r-reġjun Alpin, huma partikolarment vulnerabbli għal ħsarat dejjem akbar minn predaturi kbar; jirrimarka li l-azjendi f'dawn ir-reġjuni sikwit ikunu żgħar u jiffaċċjaw spejjeż addizzjonali għoljin u għandhom jiġu protetti u mħeġġa peress li jgħinu biex jippreservaw il-pajsaġġi tal-muntanji u jissalvagwardjaw il-bijodiversità f'reġjuni inospitabbli; jirrimarka li żoni bħall-mergħat Nardus għonja fl-ispeċijiet, fuq substrati siliċiċi f'żoni muntanjużi u mergħat kalkarji Alpini u sub-Alpini huma partikolarment siewja għall-konservazzjoni skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats; jinnota li dawn il-ħabitats inħolqu fil-preżenza ta' predaturi selvaġġi u jirrimarka li fattur ewlieni għall-konservazzjoni ta' dawk iż-żoni huwa r-ragħa estensiv, pereżempju minn bovini u żwiemel jew minn merħliet issorveljati mir-rgħajja; jistieden lill-Kummissjoni tipproteġi u tippreżerva prattiki agrikoli tradizzjonali, bħall-pastoraliżmu, il-mudell tar-ragħa ssorveljata, il-prattika ta' transumanza rikonoxxuta mill-UNESCO u l-istil ta' ħajja tal-bdiewa pastorali, permezz ta' soluzzjonijiet konkreti; jirrikonoxxi li wħud minn

dawn il-prattiki jistgħu jiġu koperti mil-lista proposta ta' prattiki agrikoli potenzjali ffinanzjati minn skemi ekoloġiċi;

11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu li l-miżuri preventivi disponibbli bħalissa, inklużi ċ-ċnut u l-klieb tal-għassa, li għandhom suċċess f'xi reġjuni tal-UE, jistgħu jippreżentaw piżijiet finanzjarji u tax-xogħol addizzjonali għall-bdiewa, mhux dejjem ikunu appoġġjati minn finanzjament tal-UE jew nazzjonali u jkollhom grad differenti ta' effiċjenza u effettività skont il-kundizzjonijiet lokali[9][10]; jisħaq, f'dan ir-rigward, li l-appoġġ finanzjarju għall-miżuri preventivi għandu jkun akkumpanjat minn appoġġ konsultattiv, biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni komprensiva u f'waqtha tagħhom; jenfasizza li n-natura tal-art, iċ-ċirkostanzi ġeografiċi, l-istorja ta' koeżistenza ma' karnivori kbar u fatturi prevalenti oħra, bħat-turiżmu, li spiss ikun essenzjali għaż-żoni kkonċernati, jeħtieġ li jitqiesu meta jiġu implimentati miżuri preventivi u meta jitqiesu d-derogi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu, f'każijiet li fihom il-popolazzjonijiet ta' karnivori kbar qed jespandu, l-importanza li jiġu żviluppati u implimentati strateġiji ta' mitigazzjoni b'mod proattiv f'konformità mad-Direttiva dwar il-Ħabitats, abbażi ta' evidenza xjentifika;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jidentifikaw u jappoġġjaw xjentifikament l-aħjar miżuri preventivi fattibbli biex jitnaqqsu l-attakki u l-ħsarat tal-predazzjoni tal-bhejjem minn karnivori kbar, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi reġjonali u lokali tal-Istati Membri u biex il-bdiewa jiġu appoġġjati ħalli japplikaw għal dawk il-miżuri preventivi biex jimmultiplikaw u jtejbu l-approċċi ta' suċċess; jappella wkoll għall-inklużjoni effettiva tagħhom fis-servizzi ta' konsulenza u ta' estensjoni; jitlob żieda fil-finanzjament tal-programm LIFE għal proġetti li għandhom bħala għan il-kisba ta' koeżistenza ma' karnivori kbar filwaqt li jinżamm il-finanzjament għall-protezzjoni tal-ispeċijiet; jitlob li tingħata prijorità lil proġetti fuq skala żgħira li huma mmirati lejn il-kondiviżjoni u l-iżvilupp tal-aħjar prattiki dwar il-koeżistenza ma' predaturi kbar, u jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi rekwiżiti xierqa għall-kejl u r-rappurtar tal-effikaċja tal-miżuri ta' mitigazzjoni tal-ħsara investigati fi proġetti ffinanzjati mill-UE, bħal permezz tal-programm LIFE, filwaqt li tingħata prijorità lill-metodi ta' valutazzjoni oġġettivi u kwantitattivi;

13. Jistieden lill-Istati Membri jfasslu u jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni komprensivi dwar l-ispeċijiet jew pjanijiet ta' konservazzjoni u/jew ta' ġestjoni, fejn l-ebda wieħed minnhom ma jkun diġà fis-seħħ, filwaqt li jitqiesu d-densitajiet tal-bniedem, l-istrutturi tal-pajsaġġ, it-trobbija tal-bhejjem, l-istatus ta' konservazzjoni, attivitajiet rilevanti oħra tal-bniedem u l-popolazzjonijiet tal-ungulati selvaġġi;

14. Jenfasizza l-ħtieġa ta' monitoraġġ regolari ta' popolazzjonijiet karnivori kbar sabiex l-azzjonijiet ta' konservazzjoni jiġu ppjanati b'mod strateġiku, jiġu applikati skemi

[9] Cortés, Y. et al., "A decade of use of damage prevention measures in Spain and Portugal" (Deċennju ta' użu ta' miżuri għall-prevenzjoni tal-ħsara fi Spanja u l-Portugall), *Carnivore Damage Prevention News*, 2020.
[10] Oliveira, T., et al., "The contribution of the programme to mitigation of the damages caused by large carnivores in Europe" (Il-kontribut tal-programm LIFE għall-mitigazzjoni tal-ħsarat ikkaġunati minn karnivori kbar fl-Ewropa), *Global Ecology and Conservation*, Vol. 31, 2021.

preventivi biex jitnaqqsu l-kunflitti u jiġu evalwati r-riżultati tal-azzjonijiet kollha; jirrimarka li l-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq metodoloġija robusta, għandu jippromwovi u jiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' partijiet ikkonċernati differenti u li r-riżultati tiegħu għandhom jiġu kkomunikati regolarment lis-soċjetà u lill-gruppi tal-partijiet ikkonċernati ewlenin;

15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jidentifikaw opportunitajiet ta' finanzjament adegwati u fit-tul għal miżuri preventivi xierqa u kumpens adegwat għall-bdiewa mhux biss għal kwalunkwe telf u spejjeż imġarrba b'riżultat ta' attakki minn karnivori kbar, iżda wkoll għall-miżuri ta' mitigazzjoni implimentati, sabiex jiġu żgurati l-koeżistenza ta' karnivori kbar u prattiki sostenibbli tat-trobbija tal-bhejjem; jenfasizza li l-iskemi ta' kumpens, imfassla b'tali mod li t-trobbija tal-bhejjem u l-preżenza ta' karnivori kbar ma jfissrux telf ta' profitt għall-bdiewa, għandhom ikopru l-ispejjeż diretti u indiretti assoċjati mal-attakki tal-predaturi, u għandhom jiġu integrati ma' miżuri preventivi għall-akbar effiċjenza; jenfasizza l-importanza li jiġi kkumpensat b'mod ġust u komprensiv kwalunkwe telf ta' annimali tal-farms ikkawżat minn karnivori kbar, inklużi minn speċijiet ibridi; jistieden lill-Istati Membri u lir-reġjuni jtejbu l-aċċess għall-kumpens finanzjarju; jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-għadd dejjem akbar ta' attakki minn karnivori kbar ifisser li r-riżorsi ddedikati għall-protezzjoni tal-annimali domestikati u l-ħlasijiet ta' kumpens qed jiżdiedu wkoll; jiddispjaċih li l-kumpens imħallas lil dawk li jrabbu l-bhejjem wara attakk ivarja minn Stat Membru għal ieħor; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li temenda l-linji gwida agrikoli tagħha biex tiffaċilita l-kumpens għall-ħsara minn predaturi kbar bħala għajnuna mill-Istat;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.